# FIL-QORTI CIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERC

# ONOR. IMHALLEF
# IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 24 ta' Gunju, 2024**

**Rikors Numru: 54/2024 ISB**

**Wara l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 394/2023 FDP fl-ismijiet:**

**Maria Laus (116735A)**

**Vs**

**W.A.Y.S Work in Malta Limited (C101194) u Mary Cyrile Lopez (K.I. Nru. 0155993A)**

**Mahrug fid-9 ta' Marzu 2023**

**U Wara d-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Lulju 2023**

**DAN HUWA DIGRIET MOGHTI IN CAMERA GHAR-RIKORS TA' MARY CYRILE LOPEZ (KI 0155993A) F'ISIMHA PERSONALI U IN RAPPREZENTANZA TAL-KUMPANNIJA W.A.Y.S WORK IN MALTA LIMITED (C-101194), MAGHMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 836(1) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA TAD-29 TA' MEJJU 2024.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors **ta' Mary Cyrille Lopez** pro et noe tad-29 ta' Mejju 2024;

Rat id-digriet provvizorju taghha tal-5 ta' Gunju 2024;

Rat ir-Risposta ta' Maria Laus tad-19 ta' Gunju 2024;

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Rat kopja tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 394/2023, kif ipprezentati mar-Rikors promotur;

Rat id-Digriet moghti minn din l-istess Qorti nhar il-5 ta' Lulju 2023;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-Artikolu 836(4) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jidhrilha illi mhux xieraq u necessarju illi tinzamm seduta ghaliex fuq l-atti hija tista' tghaddi biex tiddegreta in camera, kif fil-fatt qed taghmel illum.

**Ikkunsidrat:**

Fil-qosor, din il-procedura ssegwi proceduri b'rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju datat 8 ta' Marzu 2023 mressaq minn Maria Laus qua sekwestranti kontra l-hawnhekk rikorrenti sekwestrata, liema Mandat ta' Sekwestru kien milqugh fid-9 ta' Marzu 2023.

Illi dak il-Mandat kawtelatorju ghas-somma ta' sebghin elf Euro (€70,000) tressaq fuq il-pretensjoni u l-kawzali tas-sekwestranti mkfissra hekk: "*danni prezenti u futuri kkalkolati ai fini ta' dan il-mandat naxxenti minn malgestjoni u abbuz flagranti u ksur lampanti tad-doveri fiducjarji imposti mill-Artikolu 1124A et seq tal-Kodici Civili u tad-doveri imposti skond l-Att dwar il-Kumpanniji, fosthom dawk imposti mill-artikolu 136A tal-istess Att dwar il-kumpanniji, ghal liema danni huma unikament responsabbli s-sekwestrati, u dan kif premess ahjar fir-rikors promotur ossia il-kawza li qed tigi ppresentat kontestwalment, bir-rizerva ta' kull dritt iehor spettanti lis-sekwestranti*".

Illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Lulju 2023, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hemmhekk elenkati, il-Qorti ghaddiet biex irriduciet l-ammont kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru ghas-somma ta' **tletin elf Euro (€30,000)**.

Illi llum jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet, anke jekk ma hemmx qbil fuq l-ammont preciz rizultat biss tal-fatt illi l-hawnhekk rikorrenti qed tqis ukoll l-ispejjes u d-drittijiet tac-cedoli rispettivi, illi hemm flejjes zejda depozitati

fir-Registru tal-Qorti u konsegwentament, ir-rikorrenti qed tressaq it-talbiet taghha b'dan ir-rikors.

Illi jirrizulta illi hemm hames cedoli ta' depositu maghmula fl-atti u in segwitu ghall-istess Mandat, kopja ta' liema gew esebiti kemm mir-rikorrenti mar-rikors taghha u kif ukoll mill-intimata mar-risposta taghha, li huma:

- **Cedola 620/2023** tas-27 ta' Marzu 2023 maghmula mill-Bank of Valletta plc li permezz taghha gew <u>effettivament</u> depositati €21,626.56;

- **Cedola 2150/2023** tad-9 ta' Ottubru 2023 maghmula mill-Bank of Valletta plc li permezz taghha gew <u>effettivament</u> depositati €3011.90;

- **Cedola 1037/2023** tal-24 ta' Mejju 2023 maghmula mill-BNF Bank plc li permezz taghha gew <u>effettivament</u> depositati €2977.66;

- **Cedola 1256/2023** tal-20 ta' Gunju 2023 maghmula mill-Waterfront Hotel Limited li permezz taghha gew <u>effettivament</u> depositati €3076.23;

- **Cedola 1379/2023** tas-6 ta' Lulju 2023 maghmula minn JNS Limited li permezz taghha gew <u>effettivament</u> depositati €2241.57;

Illi ghalhekk hija korretta l-intimata tghid illi b'kollox gew effettivament depositati **tnejn u tletin elf, disa' mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€32,933.92)**, allura eccess fuq is-somma li trid tigi kawtelata b'**elfejn disa' mija u tliet u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€2,933.92)**.

Illi l-intimata min-naha taghha mhix topponi ghall-izbank ta' din is-somma u allura ghalhekk imma ukoll ghaliex hekk ghandu mis-sewwa, li l-Qorti ghalhekk sejra tordna l-izbank taghhom a favur ir-rikorrenti.

Illi dwar it-talba li qed issir ai termini ta' l-**Artikolu 836(1)(e) tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u allura t-tielet talba u marbuta maghha ir-raba' talba fir-rikors odjern, il-Qorti jirrizultala illi l-ammont li kellu jigi kawtelat jinsab in effetti depositat fir-Registru tal-Qorti, u kwindi sejra tilqa' din it-talba bir-rizerva illi r-Registratur tal-Qorti ghandu jara illi s-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) tibqa' depositata fir-Registru sakemm min ikollu jedd ghalihom, jghaddi biex jizbanka, u dan wara illi tghaddi in gudikat il-kawza 17/2023ISB pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc).

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tirreferix lir-rikorrenti ghal dak deciz fid-digriet tal-5 ta’ Lulju 2023 fir-rigward tal-hemmhekk tielet talba, u tqis illi din il-procedura, kif inoltre` tissoleva l-intimata, setghet facilment tigi evitata billi jsir rikors kongunt ghall-izbank tas-somma eccessiva ghall-ammont ta’ €30,000 li jrid ikun kawtelat, u din l-osservazzjoni qed issir ghal finijiet ta’ kif il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi dwar l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rati l-atti kollha u ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, qeghda tghaddi biex tipprovdi ghar-rikors ta’ Mary Cyrile Lopez pro et noe tad-29 ta’ Mejju 2024 billi:

1. **TILQA’** l-ewwel talba u tiddikjara illi l-ammont ta’ **tletin elf Euro (€30,000)**, li kellu jigi kawtelat bil-Mandat ta’ Sekwestru Nru 394/2023 FDP, hija effettivament depositata fir-Registru tal-Qorti permezz ta’ hames cedoli hawn fuq imsemmija.

2. **TILQA`** it-tieni talba fis-sens illi tiddikjara illi s-somma globali depositata fir-Registru tal-Qorti bil-hames cedoli hawn fuq elenkati teccedi in effetti l-ammont li kellu jigi kawtelat ta’ €30,000 bis-somma ta’ **elfejn disa’ mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€2,933.92).**

3. **TILQA’** t-tielet talba u tiddikjara illi s-somma ta’ tletin elf Euro (€30,000) kif depositati fir-Registru tal-Qorti huma garanzija xierqa u tissodisfa l-pretensjoni kawtelatorja tas-sekwestranti Maria Laus fuq il-Mandat ta’ Sekwestru 394/2023, u dan a tenur tal-Artikolu 836(1)(e) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. **TILQA’** ghalhekk ir-raba’ talba u tiddikjara illi l-Mandat kawtelatorju 394/2023 mhuwiex ghalhekk aktar mehtieg u mhux ragjonevoli illi jinzamm fis-sehh u ghalhekk tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat opportun, b’dan però illi tordna illi:

   a) Ir-Registratur tal-Qorti ghandu jibqa’ jzomm is-somma ta’ **tletin elf Euro (€30,000)** depositata ghandu bis-sahha tac-cedoli hawn fuq imsemmija jew parti minnhom;

   b) Ir-Registratur tal-Qorti ghandu jara illi din is-somma ta’ **tletin elf Euro (€30,000)** tigi zbankata biss minn min ikollu jedd u biss in segwitu ghas-sentenza finali tal-kawza 17/2023 ISB, illum pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) jew jekk ikun hemm ordni ohra ta’ Qorti kompetenti.

5. **TILQA’** is-sitt talba limitatament fis-sens illi tordna a favur ir-rikorrenti Mary Cyrile Lopez pro et noe l-izbank tas-somma ta’ **elfejn disa’ mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€2,933.92)** mis-somma kollha depositata bis-sahha tal-hames cedoli hawn fuq elenkati, biex b’hekk tibqa’ dejjem depositata is-somma ta’ **tletin elf Euro (€30,000)** kif hawn fuq ordnat.

6. **TASTJENI**, ghal dak hawn fuq deciz u in kwantu illi huwa talbiet alternattivi, milli tesprimi ruha dwar il-bqija tat-talbiet.

7. **TORDNA** illi kopja ta’ dan id-digriet jitqieghed fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru 394/2023 FDP u jkun anness ma’ kull wahda mic-cedoli ta’ depositu fil-Qorti Prim’Awla Civili (Sezzjoni Kummerc) bin-numri 620/2023, 2150/2023, 1037/2023, 1256/2023 u 1379/2023.

Spejjes ta’ din il-procedura a karigu tar-rikorrenti.

**Digriet moghti in camera, illum, it-Tnejn, 24 ta’ Gunju 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**